

**Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Lulju 2016 – MSD Animal Health Innovation u Intervet International vs EMA**

(Kawża T-729/15 R)

(“Miżuri provviżorji — Aċċess għal dokumenti — Rogolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti miżmura mill-EMA dwar informazzjoni mressqa minn impriża fil-kuntest tat-talba tagħha għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediciinali — Deċiżjoni li terz jingħata l-aċċess għad-dokumenti — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi”)

(2016/C 335/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: MSD Animal Health Innovation GmbH (Schwabenheim, il-Ġermanja), u Intervet international BV (Boxmeer, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: P. Bogaert, avukat, B. Kelly u H. Billson, solicitors, J. Stratford, QC, u C. Thomas, barrister)

Konvenuta: L-Āgenzija Ewropea għall-Mediċini (rappreżentanti: T. Jabłoński, N. Rampal Olmedo, A. Spina, A. Rusanov u S. Marino, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, esenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/785809/2015 tal-EMA, tal-25 ta' Novembru 2015, li tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal ċerti dokumenti li jinkludu informazzjoni mressqa fil-kuntest ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediciinali veterinarju Bravecto.

**Dispożittiv**

- 1) L-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/785809/2015 tal-Āgenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), tal-25 ta' Novembru 2015, li tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, l-aċċess għar-rapporti tat-testijiet tossikoloġiċi C 45151/test tat-tossiċità tal-ġilda ta' 28 jum (applikazzjoni semiokluživa għal 6 sīgħat) fuq firien Wistar, C 45162/test tat-tossiċità orali (force-feeding) ta' 28 jum fuq firien Wistar u C 88913/test tat-tossiċità tal-ġilda ta' 28 jum (applikazzjoni semiokluživa għal 6 sīgħat) fuq firien Wistar, hija sospiża.
- 2) L-EMA hija ordnata ma turix ir-rapporti msemmija fil-punt 1.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżzentat fil-21 ta' Lulju 2016 – Asna vs EUIPO — Wings Software (ASNA WINGS)**

(Kawża T-382/16)

(2016/C 335/64)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Asna, Inc. (San Antonio, Texas, l-İstati Uniti) (rappreżentanti: J. Devaureix u J. C. Erdozain López, avukati)

**Konvenut:** L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Wings Software BVBA (Heist-Op-den-Berg, il-Belġju)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark kontenjużha:** ir-rikorrenti

**Trade mark kontenjużha kkonċernata:** trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “ASNA WINGS” – Applikazzjoni għal-reġistrazzjoni Nru 11 388 352

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti ta' oppożizzjoni

**Deċiżjoni kkontestata:** deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' April 2016 fil-Każ R 436/2015-5

### **Talbiet**

- tilqa' r-rikors, flimkien mad-dokumenti annessi u l-kopji korrispondenti;
- tilqa' l-amministrazzjoni tal-provi li ġew prodotti;
- tannulla u tħalli mingħajr effett id-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Żball fir-rigward tal-prova ta' użu prodotta mill-parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell.
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

### **Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2016 – AIA vs EUIPO – Casa Montorsi (MONTORSI F. & F.)**

**(Kawża T-389/16)**

**(2016/C 335/65)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Agricola italiana alimentare SpA (AIA) (San Martino Buon Albergo, l-Italja) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

**Konvenuta:** L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Casa Montorsi Srl (Vignola, l-Italja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark kontenjużha:** ir-rikorrenti

**Trade mark kontenjużha kkonċernata:** trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “MONTORSI F. & F.” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 5 681 663

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' nullità

**Deċiżjoni kkontestata:** deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-28 ta' April 2016, fil-Każ R 1573/2015-2